# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 23 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 1/2022 ISB**

**GBG Sports Travel Limited (C66218)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta **GBG Sports Travel Limited,** intavolat fil-5 ta' Jannar 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna illi s-soċjeta' esponenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Art. 214(1)(a) u/jew l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a tenur ta' l-Art 218(1) tal-Att;*

2. *Tagħti kull provvediment ieħor opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' esponenti u ai termini tal-Att;*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat ai termini tal-Artikoli 214(1)(a) u 214(2(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-'Att');*

2. *Illi GBG Sports Travel Limited hija soċjeta' b'responsabbilita' limitata reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C66218 u bl-uffiċju reġistrat SOHO Savoy Gardens, J Block Rue d'Argens Gzira ZGR 1362 u ġiet konstitwita fil-31 ta' Lulju 2014;*

3. *Illi mill-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-soċjeta' esponenti, kopja ta' liema qed tiġi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala* ***Dok 'GBG 1'*** *jirriżulta illi l-'Objects' prinċipali tagħha huma s-segwenti:*

   *"To carry on the business of buying, selling, reselling, trading or dealing in any manner whatsoever in tickets for sport and cultural activities to customers based in Europe and elsewhere"*

4. *Illi l-kapital azzjonarju awtorizzat attwali tas-soċjeta' esponenti jammonta għal elf u mitejn Ewro (€1,200) liema kapital huwa maqsum f'elf u mitejn (1,200) ishma ordinarji ta' valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem;*

5. *Illi l-kapital azzjonarju tas-soċjeta esponenti huwa sottoskritt da parte tal-azzjonist Benny Lahmish detentur tal-passaport Iżraelit 39011190 li għandu elf u mitejn (1,200) -il sehem ordinarji bil-valur nominali ta' Ewro (€1), liema ishma huma mħallsa sa' għoxrin fil-mija (20% paid up), fis-soċjeta' esponenti u dan kif inhu rifless ampjament mill-estratt tal-"Involved Parties" tas-soċjeta' esponenti meħud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry, kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok 'GBG 2'****;*

6. *Illi, sfortunatament, il-qagħda finanzjarja tas-soċjeta` esponenti iddeterjorat f'dawn l-aħħar snin, kemm minħabba l-andament tan-negozju u speċjalment minnħabba l-pandemija tal-Covid-19 li kompliet trendi s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' esponenti bħala waħda irriparabbli u dan għaliex is-soċjeta esponenti ma setatx topera għal perjodu konsiderevoli minħabba r-restrizzjonijiet u limitazzjonijiet fuq avvenimenti sportivi kif ukoll ta' divertiment li ġabet magħha l-pandemija;*

7. *Illi minkejja diversi tentattivi da parte tal-membru u tad-direttur sabiex is-soċjeta` esponenti tirnexxielha tirkupra s-saħħa finanzjarja tagħha, is-sitwazzjoni ma setgħetx tiġi rrimedjata;*

8. *Illi in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' u problemi biex tħallas lill-Awdituri tagħha, l-financial statements tas-sena 2019 u tas sena 2020 ma ġewx awditjati u ma setgħux jiġu preżentati lir-reġistru tal-Kumpaniji;*

9. *Illi di piu, jirriżulta li nhar it-28 ta' Ġunju tas-sena 2019 ingħatat is-sentenza mil-Qorti Franċiża tal-Ewwel Istanza fil-kawża bin-numru 18/14106 intavolata mill-Union of European Football Associations kontra l-esponenti GBG Sports Travel Ltd., u kif ukoll kontra GBG Sports Travel Iberia SL u Football Ticket Net fejn il-Qorti ordnat lis-soċjeta' esponenti flimkien mal-konvenuti l-oħra sabiex iħalsu s-somma ta' seba mija u għoxrin elf Ewro (€720,000) u dan għar-raġunijiet stipulati fl-istess sentenza, kopja ta' liema qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***Dok 'GBG 3'****;*

10. *Illi s-sentenza surreferita ġiet appellata mis-soċjeta' esponenti u sal-lum il-ġurnata dan l-appell għadu pendenti quddiem il-Qrati Franċiżi;*

11. *Illi nonostante l-fatt illi s-sentenza surrferita ġiet appellata, ai termini tal-liġijiet proċedurali Franċiżi, kwalunke deċiżjoni li tingħata mill-Ewwel Qorti tiġi proviżorjament enforzabbli u għaldaqstant dan ifisser li kull somma li tiġi ordnata titħallas mill-Ewwel Qorti, għandha titħallas b' mod proviżorju, nonostante l-fatt illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tkun appellata u jkun biss wara li jsir dan il-ħlas illi l-Qrati tal-Appell Franċiżi jkunu f'pożizzjoni illi jikkonsidraw l-appell intavolat mill-appellant;*

12. *Illi in vista tas-suespost, qed tiġi preżentata kopja tal-opinjoni legali tal-Avukati Charles Meyer u Stephane Haddad hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok 'GBG 4'*** *fejn jagħmlu referenza għall-Artikolu 524 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Franċiż, u jikkonfermaw illi l-President li jippresiedi l-Qorti tal-Appell ikollu l-kapaċita' li jħassar il-każ appellat mil-lista' kemm -il darba li l-appellant ma jressaqx prova illi huwa jkun esegwixxa proviżorjament id-deċiżjoni taħt appell;*

13. *Illi minħabba l-problemi finanzjarji li qed taffaċja s-soċjeta' esponenti, hija mhijiex f'pożizzjoni li tesegwixxi d-deċiżjoni surreferita tat-28 ta' Ġunju tas-sena 2019 u ċioe li tħallas is-somma ta' seba mija u għoxrin elf Ewro (€720,000) kif ġiet ordnata tagħmel;*

14. *Illi jekk kemm – il darba l-insolvenza tas-soċjeta' esponenti mhux ser tiġi konfermata minn dina l-Onorabbli Qorti, il-Qrati tal-Appell Franċiżi mhux ser ikunu jistgħu jikkonsidraw l-appell intavolat mis-soċjeta' rikorrenti;*

15. *Illi l-Artikolu 218(1) tal-Att jipprovdi s-segwenti:*

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*

*a) Stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
*b) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
*c) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b);*

*Għandha ssir 'rikors li jista' jsir mil-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mil-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew krudituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji;*

16. *Illi s-soċjeta' rikorrenti għaddiet riżoluzzjoni straordinarja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok 'GBG 5'**, fejn għar-raġunijiet kollha premessi ġie deċiż li s-soċjeta' rikorrenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Art.214(1)(a) u/jew l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a ternur tal-Art. 218(1) tal-Att;*

17. *Illi dan kollu qed jiġi ikkonfermat ukoll mid-direttur ta' l-istess soċjeta' rikorrenti fejn permezz ta' riżoluzzjoni tal-Bord tad-diretturi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok 'GBG 6'**, li jikkonferma il-qagħda finanzjarja tal-istess soċjeta', li din qiegħda fi stat ta' insolvenza u għalhekk mhijiex f'pożizzjoni li tħallas is-somma ta' seba mija u għoxrin elf Ewro (€720,000) kif kienet ordnata tagħmel fil-kawża bin-numru 18/14106 intavolata mill-Union of European Football Associations kontra GBG Sports Travel Ltd., GBG Sports Travel Iberia SL u Football Ticket Net;*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok GBG 1 sa Dok GBG 6) (fol 7 sa fol 37).

Rat id-**digriet** tagħha tal-21 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2022 deher l-Av James Scerri Worley għas-soċjeta rikorrenti u ppreżenta nota (fol 44) b'żewġ dokumenti (fol 45 sa fol 103).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2022 is-soċjeta rikorrenti ppreżentat nota (fol 105) b'affidavit b'numru ta' dokumenti annessi (fol 106 sa fol 124).

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-17 t'Ottubru 2022, id-difensur tas-soċjeta rikorrenti iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq u għalhekk l-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) u 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi GBG Sports Travel Limited hija soċjeta b'responsabbilita limitata li ġiet kostitwita fil-31 ta' Lulju 2014, li ai termini tal-*Memoradum and Articles of Assocation* taghha, l-oġġettiv tagħha huwa ix-xiri u l-bejgħ u tagħmel negozju b'biletti għal avvenimenti sportivi u kulturali lill-klijenti bbażżati fl-Ewropa u partijiet oħra tad-dinja.

Tgħid li l-kapital azzjonarju awtorizzat tas-soċjeta` rikorrenti jammonta għal elf u mitejn Ewro (€1,200) liema kapital huwa maqsum f'elf u mitejn (1,200) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem, liema ishma jappartjenu lill-azzjonist Benny Lamish u liema ishma huma mħallsa sa għoxrin fil-mija (20%) tal-valur taghhom.

Is-socjeta' rikorrenti tikkontendi li l-qagħda finanzjarja taghha ddeterjorat fl-aħħar snin u minkejja diversi tentattivi, is-sitwazzjoni hija rrimedjabli. Tgħid li b'konsegwenza ta' dan, il-*financial statements* tas-sena 2019 u tas-sena 2020 ma ġewx awditjati u ma setgħux jiġu ppreżentati lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Tgħid li fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Franċiża tal-Ewwel Istanza ordnat lis-soċjeta esponenti flimkien ma konvenuti oħra sabiex iħallsu s-somma ta' seba' mija u għoxrin elf Ewro (€720,000), liema somma hija dovuta minkejja li ġie intavolat appell mill-istess sentenza u li jekk kemm -il darba ma tiġix imħallsa, l-appell jitneħħa minn fuq il-lista. Tgħid li s-soċjeta` rikorrenti mhix f'posizzjoni li tħallas is-somma mitluba u għalhekk il-Qorti tal-Appell Franċiża mhux ser tkun tista tikkunsidra l-appell tar-rikorrenti.

Tgħid li s-soċjeta` rikorrenti għaddiet riżoluzzjoni straordinarja fejn ġie deċiż li s-hija tiġi xjolta u konsegwentament stralċjata mill-Qorti skont l-Artikolu 214(1)(a) u/jew l-Artikolu 214(2)(a)(ii) a tenur tal-Artikolu 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tgħid li dan kollu huwa kkonfermat mid-direttur tal-istess soċjeta li permezz ta' riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi jikkonferma li l-qagħda tas-soċjeta hija waħda ta' insolvenza.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi **r-rikorrenti** ppreżentaw kopja tal-*Memorandum and Articles of Assocation* taghha, kif ukoll estratt tal-*involved parties* tas-soċjeta` kif meħud mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti u tinnota li l-oġġettiv tal-kumpanija huwa dawk ddikjarat fir-rikors promotur u li l-azzjonist u d-direttur ewlieni tal-kumpanija huwa Benny Lamish.

Is-socjeta' -rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tas-sentenza datata 28 ta' Ġunju 2019 mogħtija mill-Qorti Franċiża tal-Ewwel Istanza fl-ismijiet *Union of European Football Associations vs GBG Sports Travel Ltd et.* li permezz tagħha, is-soċjeta` rikorrenti

bħala konvenuta fil-kawża ċitata flimkien mal-konvenuti l-oħra ġew ikkundannati jħallasu s-somma komplessiva ta' seba' mija u għoxrin elf Ewro (€720,000) u liema sentenza ġiet enforzabbli immedjatament.

Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll opinjoni legali tal-Avukati Charles Meyer u Stephane Haddad fejn ġie ċitat l-Artikolu 524 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili Franċiża li jgħid is-segwenti:

> *Where provisional enforcement is de jure or has been ordered, the first president or, as soon as he is seised the Conseiller de La Mise en Consition may, in the event of an appeal decide at the request of the respondent and after having heard the observations of the parties, the removal of the case from the list of cases when the appellant does not prove that he has executed the decision under appeal or that he has made the deposit authorised under the conditions provided for in Article 521, unless it appears to him that execution would entail manifestly excessive consequences or that the appellant is unable to execute the decision.*

Ir-rikorrenti ppreżentaw Risoluzzjoni Straordinarja ai termini tal-Artikolu 210 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie riżolt li l-kumpanija għandha tiġi stralċjata mill-Qorti u kwalunkwe direttur u/ jew uffiċjal tal-kumpanija jista` jagħmel rikors lill-Qorti għan-nom tal-kumpanija għax-xoljiment u l-istralċ tal-istess kumpanija ai termini tal-artikoli 214(1)(a) u/jew 214(2)(a)(ii) u 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-affidavit tiegħu **Benny Lamish** jgħid li huwa l-azzjonist prinċipali tal-kumpanija GBG Sports Travel Limited li hija soċjeta` b'responsabbilita limitata li ġiet kostitwita fil-31 ta' Lulju 2014, li ai termini tal-Memoradum u l-istatut ta' Assoċjazzjoni l-oġġettiv tagħha huwa ix-xiri u l-bejgħ u tagħmel negozju b'biljetti għal avvenimenti sportivi u kulturali lill-klijenti bbażżati fl-Ewropa u partijiet oħra tad-dinja.

Jispjega li l-kumpanija kienet topera billi tixtri u tbigħ biljetti għal kompetizzjonijiet sportivi sabiex tipprovdi lill-pubbliku li ma setax jixtri direttament mingħand il-UEFA. Ix-xiri u l-bejgħ kien isir kollu permezz tal-internet.

Hu ighid li fl-2018, il-UEFA intavolat kawża kontra s-soċjeta` rikorrenti flimkien ma GBG Sports Travel Iberia SL u Football Ticket Net dwar *trademark infringements* u drittijiet esklussivi ta' użu ai termini tal-kodiċi tal-isports Franċiża u *free-riding practices*. Jispjega li minkejja d-difizi li tressqu, fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti ta' Franza tat deċiżjoni fejn is-soċjeta` rikorrenti flimkien mal-konvenuti l-oħra ġew ikkundannati jħallsu is-somma ta' seba' mija u għoxrin elf Ewro (€720,000). Jgħid li minkejja li hemm punti validi dwar xiex jista` jiġi intavolat appell, il-liġi Franċiżi tipprovdi li s-somma likwidata xorta waħda trid titħallas proviżorjament u la darba s-somma ma titħallasx, kif kkonfermat mill-avukati tiegħu, l-Qorti għandha dritt tneħħi l-appell minn fuq il-lista.

Jispjega li l-kumpanija għandha mertu suffiċjenti dwar xiex jista jiġi intavolat appell iżda l-ewwel il-kumpanija trid titpoġġa fi stat ta' xoljiment minħabba li m'għandix fondi sabiex tħallas l-imsemmija somma.

Jispjega li fis-sena 2020, il-kumpanija soffriet ħafna diffikultajiet minħabba il-pandemija tal-COVID 19 minħabba r-restrizzjonijiet li kien hemm fuq id-dinja sportiva. Jgħid li b'riżultat ta' dan il-kumpanija ma ġġeneratx biżżejjed flus u għalhekk m'għadhiex topera. Jgħid li dan hu evidenti mir-records tal-website traffic (il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokument esebit f'dan ir-rigward).

Jispjega li minħabba d-diffikultajiet finanzjarji li qed taffaċċja l-kumpanija mhix f'qagħda li tħallas is-somma msemmija u sakemm il-kumpannija ma tiġix xjolta u stralċjata, il-kumpanija mhux ser tkun tista tappella s-sentenza fuq ċitata tal-Qorti Franċiża.

Jispjega li b'konsegwenza tad-diffikultajiet finanzjarji l-kumpanija akkumulat djun li ma tistax tlaħħaq magħhom kif ukoll ma setgħatx tħallas l-awdituri tagħha sabiex tissottometti r-rapport finanzjarji mis-sena 2019 'l quddiem.

Fl-affidavit tiegħu **Christopher Pace** jgħid li l-professjoni tiegħu hija dik t'Awditur bħala wieħed mis-soċi tas-soċjeta Altima Assurance Limited li tipprovdi servizzi t'awditjar.

Jispjega li s-soċjeta` Altima Assurance Limited hija l-Awditur tas-soċjeta rikorrenti u li għamlet l-audit tas-soċjeta rikorrenti għas-sena li għalqet fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema audit ġie ppreżentat u l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Jgħid li l-attivita` tas-soċjeta` rikorrenti tinvolvi x-xiri u bejgħ ta' biljetti online, fuq is-suq sekondarju, għal diversi logħob u kompetizzjonijiet sportivi. Jgħid li l-qagħda finanzjarja tas-soċjeta` rikorrenti iddeterjorat minħabba l-pandemija tal-COVID-19 minħabba li ma setgħatx topera minħabba r-restrizzjonijiet li ġabet magħha l-pandemija.

Jgħid li oltre minn hekk irriżulta li fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti ta' Franza tat deċiżjoni fejn is-soċjeta rikorrenti flimkien mal-konvenuti l-oħra ġew ikkundannati iħallsu is-somma ta' seba' mija u għoxrin elf Ewro (€720,000), li sabiex tiġi appellata jeħtieġ li s-soċjeta` rikorrenti tħallas l-ammont imsemmi b'mod proviżorju.Jispjega li skont il-*financial statements* li għalqu fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2020 huwa impossibli għas-soċjeta rikorrenti li tħallas din is-somma.

Jgħid li fil-fehma tiegħu GBG Sports Travel Limited tinsab fi stat ta' insolvenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu(1) –*

*(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*

*(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

L**-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi r-riżoluzzjonijiet straordinarja meħuda fit-30 ta' Dicembru 2021, DOK GBG 5 u DOK GBG 6, jagħmlu referenza ampja u ċara għall-problemi li l-kumpannija de quo irriskontrat biex tkompli topera, u tispjega b'mod ċar u inekwivoku il-motivazzjoni li wasslet lil kumpannija għal dik ir-rizoluzzjoni. Dan imbagħad kompla jiġi kkonfermat mill-affidavit tal-uniku azzjonist u direttur tal-kumpannija, kif ukoll mill-Awditur Christopher Pace fl-affidavit tiegħu.

Il-Qorti tifhem illi l-pandemija Covid19 ma għenitx iċ-ċirkostanzi tal-kumpanija li sabet ruħha prattikament ma tistax topera minħabba li n-negozju tagħha kien marbut ma settur li kien fost l-aktar li sofra minħabba r-restrizzjonijiet li ġabet magħha l-istess pandemija, u jidher ampjament ċar ukoll li anke llum li ħafna mir-restrizzjonijiet ġew imneħħija xorta l-kumpanija qed issib diffikultajiet kbar sabiex teżerċita n-negozju tagħha.

Di piu, il-kumpanija ġiet għal kollox darha mal-ħajt minħabba s-sentenza fuq ċitata li ngħatat kontriha u li ma tistax tiġi appellata jekk kemm -il darba l-kumpanija ma tħallasx id-danni likwidati, anke jekk b'mod proviżorju. Kif ikkonfermat mill-awditur tal-kumpanija innifsu, l-kumpanija de quo sabet ruħha fi stat ta' insolvenza. B'hekk din il-

Qorti ma tara l-ebda triq oħra għas-soċjeta rikorrenti għajr ix-xoljiment u l-istralċ tal-istess kumpanija.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma (a) illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal ragunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija, u, (b) illi hemm diffikultajiet kbar biex il-kumpannija tħallas id-djun tagħha.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultalha l-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **GBG Sports Travel Limited (C66218)** tiġi xjolta a bażi tal-artikoli 214(1)(a) u 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mit-30 ta' Dicembru 2021 ai termini tal-Artikolu 223 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **GBG Sports Travel Limited (C66218)** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **GBG Sports Travel Limited (C66218)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

   d) Jagħmel u jiddefendi, safejn possibbli, kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo, u partikolarment jesplora l-possibilita` li tiġi appellata s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2019 mogħtija mill-Qorti Franċiża tal-Ewwel Istanza fl-ismijiet *Union of European Football Associations vs GBG Sports Travel Ltd et.*

   e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

3. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

4. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjeta` intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**